MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2005

Numru. 32/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**CHRISTIAN MEILAQ**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **CHRISTIAN MEJLAQ** ta' ghoxrin (20) sena bin Joseph u Carmen nee` Vella imwieled Rabat, Ghawdex fil-hamsa (5) ta' Settembru 1985 u joqghod 'Mir', Triq Antonio Mallia, Rabat, Ghawdex gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

Fit-tletin (30) ta' Novembru 2004 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda

mill-pjanta C*annabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata u spontanea tal-imputat;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-fiat tal-Avukat Generali esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala dokument 'CSH' sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellux l-ebda oggezzjoni li din il-kawza tinstema bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti l-ohrajn fosthom il-fedina penali netta tal-istess imputat u l-istqarrija rilaxxjata minnu;

**Fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu;**

**Il-Qorti;**

**Qieset ic-cirkostanzi u cioe' l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta u l-ko-operazzjoni totali tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett ta' dawn l-investigazzjonijiet u ghaldaqstant tiddeciedi billi wara li rat l-artiklu tal-Ligi u cioe' l-artiklu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta billi tillibera lill-imputat taht il-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum ai termini tal-artiklu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Oltre dan tinnomina lil Godwin Sammut sabiex jirtira d-dokumenti esebiti f'dawn l-atti mis-Surgent tal-Pulizija u tordna d-distruzzjoni tieghu.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna l-imputat ihallas l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-esperti, il-Qorti qieghda tikkundanna l-imputat ihallas l-ispejjez involuti fin-nomina ta' Godwin Sammut maghmul illum

stess permezz ta' din il-Qorti liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar minn meta hekk jigi nterpellat mid-Direttur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------